MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Avviz Numru. 363/2013

**Golden Harvest Mfg Co. Ltd**
**(C 176)**
**vs**

**Dott John Attard Montalto**
**(ID 116853M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 18 ta' Novembru 2013 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallasha is-somma ta' tlett elef, hames mija u sitta u sebghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€3,576.58) rappresentanti danni sofferti minnha fil-fond propjeta' taghha li jinsab fil-pjan terren fil-blokk ta' bini numru 121, The Promenade, Tower Road, Sliema, u dana bhala rizultat ta' nuqqas ta' hsieb, diligenza u prudenza da' parte tieghek.

Rat ir-risposta ta' l-intimat ippresentat fit 12 ta' Marzu 2014 fejn eccepixxa, preliminarjament, illi ma kienx il-legittimu kontradittur billi ma kienx involute personalment fl-incident de quo filwaqt illi, fil-meritu, sahaq illi ma kienx minnu li l-incident meritu ta' din il-kawza sehhet b'rizultat ta' nuqqas ta' hsieb, diligenza jew prudenza da' parte tieghu.

Rat illi fl-24 ta' Marzu 2014, in vista ta' l-eccezzjoni preliminari, il-Qorti ordnat il-kapovolgiment tal-provi.

Rat l-affidavit ta' l-intimat **Dr John Attard Montalto** ippresentat fit 12 ta' Mejju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Mark Aquilina**, rappresentant tas-socketa rikorrenti imharrek mill-intimat, moghtija fit 23 ta' Gunju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Joe Cachia**, prodott mill-intimat u moghtija fit 2 ta' Marzu 2015.

Rat illi fit 23 ta' Marzu 2015 l-intimat iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

Rat illi fit 23 ta' Marzu 2015 il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni u fit 23 ta' April 2015 saret il-finali trattazzjoni dwar l-eccezzjoni preliminary ta' l-intimat u l-kawz athalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi s-socjeta rikorrenti hija propretarja tal-fond, fil-jan terren, tal-blokk ta' apparamenti 121, Tower Road, Sliema, filwaqt illi l-intimat huwa sid tal-flats numru 7 u 8, li huma fuq xulxin, fl-istess blokk ta' appartamenti.

Jirrizulta illi mument minnhom, l-intimat kien qieghed jaghmel xi xoghlijlet ta' rinovazzjoni fl-appartamenti tieghu u qabbad lill Joe Cachia sabiex jaghmillu x-xoghlijilet strutturali u ta' rinovazzjoni illi kien hemm bzonn.

Jirrizulta illi waqt illi kien qed isiru x- xoghlijilet minn Cachia u l-haddiema tieghu, gebla ossija 'brick' illi kien hemm fl-appartment ta' l-intimat waqghet l-isfel tmien sulari u nizlet fil-fond tar-rikorrenti bir-rizultat illi 'skylight' illi kien hemm fil-fond tar-rikorrenti inkiser kompletament.

Jirrizulta illi Joe Cachia gie avzat b'dana l-incident u seta jikkonstata illi l-'skylight' kienet attwalment miksura rizultat ta' bicca 'brick' illi waqghet minn fejn huwa kien qieghed jahdem. Sussegwentement in vista ta' dana l-incident, l-intimat ma hallsux ghax-xoghlijet minnu maghmulha peress illi qallu li kellu jaghmel tajjeb ghall-hsarat illi kien ikkaguna.

**Ikkunsidrat**

L-eccezzjoni preliminari ta' l-intimat huwa illi huwa ma huwiex responsabbli tal-hsarat ili gew ikkawzati u, fl-affidavit tieghu jghid illi huwa ma kienx il-persuna illi waqqa l-'brick' u huwa ma kienx il-persuna illi qabbad l-lavrant illi waqqa l-gebla peress illi dana tqabbad minn Joe Cachia.

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza '**Dr Tatiana Bonnici et vs Nicholsons The Supermarket Ltd et**' deciza fit 28 ta' Frar 2014

> *Meta sid proprjeta` jinkariga terzi biex jghamillu certu xoghol fil-proprjeta` tieghu, ghad-danni li jistghu jsofru terzi, jahtu t-tnejn, is-sid u l-kuntrattur impjegat, b'mod solidali, u ma jistax wiehed jitfa' t-tort fuq l-iehor.*

Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza '**Gauci vs Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma**' deciza fil 5 ta' Marzu 2010

*"Il-ligi taghna taht il-Kodici Civili tahseb ghall-qaghda bhal din fl-Artikolu 1037 li jipprovdi illi "kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila, jew illi hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall- hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-ezekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi";*

*"In linea ta' principju generali fuq dan il-punt hu sottolinejat mit-Trimarchi ("La responsabilita` per fatto dei dependenti", RDC 1959, 22) illi "opportunamente il rischio viene addossato all'imprenditore, il quale puo` prevederlo meglio del singolo malcapitato che volta per volta ne e` vittima: cio che e` fortuito per quest'ultimo non e` fortuito per il primo, bensi conseguenza calcolata di una propria iniziativa. E percio l'imprenditore puo megio premunirsi contro il rischio, assicurandosi. Viene cosi garantito il risarcimento al danneggiato e soddisfa in tal modo un'esigenza che non dipende solo da considerazioni umanitarie, bensi anche dalla consapevolezza del grave danno economico e sociale derivante dall'abbattersi improviso della sventura su chi e` impreparato di fronte ad essa." Hu bl-istess mod konsimili, anke jekk mhux ghal kollox indentici ghall-kliem appena riportati, illi jesprimi ruhu l-Franzoni ("Dei fatti illeciti", Ed. Utet 2004, pagna 234);*

*……*

*"Issa huwa minnu illi d-disposizzjoni relattiva tal-ligi taht il- Kodici taghna (Artikolu 1037) tiffonda r-responsabbilta` f'min ihaddem jew fil-kommittent fuq il-principju tal-kolpa dovuta ghall-ghazla tad-dipendenti (culpa in eligendo). B'danakollu, dik l-istess disposizzjoni tipprovdi mbaghad ghall-alternattiva tal-ezami oggettiv tar-rizultanzi istruttorji, apparti dik soggettiva bl-uzu tal-preposizzjoni "jew". Dan kif gia` senjalat in extenso mill-Qorti tal-Appell, sede civili, fil-kaz, "It-Tabib Joseph R. Grecg vs Kummissarju tal- Pulizija", deciz fl-1 ta' Marzu 1988.*

*"Imprexxindibilment minn nozzjoni tal-culpa in eligendo jidher li hu l-orjentement gurisprudenzjali ta' dawn l-ahhar snin illi r-responsabbilta` fil-kommittent jew f'min ihaddem hi wkoll presupposta ghall-kondotta produttiva tad-dannu tal-persuna inkarigata mix-xoghol jew tad-dipendenti tieghu. Ara, fost ohrajn, is-sentenzi esebiti fl-atti fl-ismijiet Michael Balzan vs Lawence Ciantar nomine, Prim'Awla Qorti Civili 6 ta' Ottubru 2002 per Imhallef David Scicluna u Emmanuel Sammut et vs Chief Government Medical Officer et, Prim'Awla Qorti Civili 12 ta' Dicembru 2002 per Imhallef Raymond Pace."*

Il-Qorti thoss illi ma ghandha xejn aktar x'izzid mal-insenjament fuq imsemmi u kienet tippretendi illi l-intimat, illi huwa Avukat di professjoni, kellu jkun a korrent ta' tali insenjament ukoll.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi prodotti u l-insenjament fuq indikata tghaddi biex tichad l-eccezzjoni preliminari ta’ l-intimat illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u tordna illi l-kawza titkompla sabiex tigi deciza.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------